

# L-OMM TAL-MAKKABIN (4)

***Mons Lawrenz Sciberras***

It-tieni ktieb tal-Makkabin joffri ġrajja tassew memorabbli mimlija kollha tbatijiet ħorox ma' u lejn nies innoċenti. Dan huwa r-rakkont tal-martirju tas-seba' aħwa fejn dawn ġew kkonfortati mill-preżenza kuraġġjuża tal-omm tagħhom stess. Din l-omm għamlitilhom il-qalb biex ma jiksrux il-Liġi tal-Mulej (2 Mak 7,1-41) minkejja t-torturi li għaddew minnhom uliedha! Din it-tifkira tal-omm erojka baqgħet stampata fil-moħħ u fil-qalb tal-ġenerazzjonijiet futuri.

Prova ta' dan qiegħda fir-IV Ktieb tal-Makkabin. Dan huwa ktieb apokrifu li nkiteb matul l-ewwel seklu wara Kristu probabbilment f'Antijokja tas-Sirja. Dan sar għaliex il-kult tal-martri Makkabin kien għadu ħaj ħafna kemm fost il-Lhud kif ukoll fost il-Lhud-Insara. L-omm ta' dawn is-sebat aħwa tiġi mfakkra bħala omm ta' nazzjon, ħarriesa tal-Liġi, u difiża tal-pietà, omm qaddisa u li tibża' minn Alla. Omm li tissara għal Alla b'għan qaddis ta' mħabba.

## Il-martirju

Meta lil uliedha ressquhom quddiem it-tirann Antijoku Epifanu IV, dik il-bint denja ta' Abraham ftakret fil-qawwa tiegħu, u għalhekk kebbset il-kuraġġ f'uliedha tant li ħajrithom biex ma jibżgħux mill-mewt, anqas ma jibku qishom li kienu fil-mument tal-mewt. Għall-kuntrarju, imqawwijin b'fidi sħiħa l-omm ħajrithom biex jaffrontaw il-mewt bħala kumpliment lejn "missirijiethom". Meta għamlet hekk, hija kienet qiegħda tiġġenera għal darb'oħra lil uliedha imma din id-darba għal ħajja immortali.

Dejjem biex tkompli tagħmel il-qalb lil uliedha fost l-oħrajn, l-omm kompliet: "La tinsewx li kienet grazzja ta' Alla li intom ġejtu f'din id-dinja u rċevejtu l-ħajja. Għalhekk intom għandkom tkunu lesti tissaportu kull piena, dejjem għal istess Alla. Għalih Abraham missierna ma ħasibhiex biex jissagrifika lil Iżakk, patrijarka tan-nazzjon tagħna. Hekk ukoll Iżakk kif ra lil missieru jerfa' s-sikkina xejn ma beża'. Danjel il-ġust ġie mogħti b'qawwa kollha lill-iljuni. Hananija, Ażarija, u Misael ġew mixħutin fil-forn tan-nar u ssaportew il-prova biex jogħġbu lil Alla.

Mela intom ukoll, fil-waqt li għandkom l-istess fidi ta' Alla, la tibżgħux. Intom li ġejtu mgħallma fil-pietà, jekk ma tirreżiżtux it-turmenti tkunu qegħdin tagħmlu xi ħaġa kontra r-raġuni tal-fidi tagħna. Meta l-omm tkellmet hekk, hija kienet qed tfakkar lil



uliedha f'dak kollu li huma kienu tgħallmu meta kienu għadhom żgħar id-dar. Difatti kompliet l-omm, meta missierkom kien għadu d-dar huwa għallimkom il-Liġi u l-Profeti. Huwa qalilkom kif Kajjin qatel lil ħuh Abel, kif Iżakk kien se jiġi offrut debħa lil Alla u kif Ġużeppi ġie mixħut il-ħabs fl-Eġittu u dan għaliex ma kisirx il-liġi ta' Alla.

Missierkom fakkarkom fil-ħeġġa li kellu Finħas, għallimkom kif Hananija, Ażarija u Misael ġew mixħutin fin-nar; Danjel fil-fossa tal-iljuni faħħar lil Alla. Hawn Danjel talab bi kliem il-profeta Isaija: "Anki jekk tgħaddi min-nar, ma tinħaraqx, u l-fjamma ma tibgħelekx" (Is 43,2). Huwa għanna kliem is-Salm 34,20: "Kbar huma l-ħsarat tar-raġel sewwa". Kompla jikkwota kliem il-proverbju: "Il-Għerf hu siġra tal-ħajja għal min iħaddnu" (Prov 3,18). Fuq kollox Danjel b'qawwa kbira ftakar fi kliem id-Dewteronomju: "Jien immewwet u jiena naħji. Jiena nidrob u jiena nfejjaq." (Dt 32,39).

## Omm erojka

Fi kliem ta' din l-omm erojka, l-awtur tar-IV ktieb tal-Makkabin wera fil-beraħ is-sentimenti li l-poplu Lhudi tal-ewwel seklu kien tant jgħożż f'qalbu. Dan kien iħossu qisu l-fidwa tiegħu stess u sabiex din it-tama tkompli dejjem aktar tissaħħaħ nies ta' din il-kwalità tgħallmu numru ta' passi mill-Iskrittura: Is 43,2; Salm 34,20; Prov 3,18; Dt 32,39. Dawn l-eżempji jdommu fihom kuruna li jsaħħu t-tamiet eskatoloġiċi ta' Israel tama li dan il-poplu tant kien jistenna bil-ħerqa. Insemmu lil: Abel, Abraham, Iżakk, Ġużeppi, Danjel, Hananija, Ażarija, Misael u oħrajn.

## Xebh bejn l-ommijiet

Jeżiżti xebh qawwi bejn omm ulied tal-Makkabin u Marija omm Ġesù. Din kompliet il-missjoni tagħha ħdejn is-salib (Ġw 19,25). Meta Marija kienet qed tara lil binha jsofri u jintemm bħal vittma tas-sagrifiċċju tal-ħruq, mela olokawst, għandna nikkonkludu li



Marija ftakret mill-ġdid f'dawk il-mumenti mdallma tal-istorja ta' missirijietha. Hija saret taf b'dawn l-istejjer grazzi għat-tagħlim li hija kellha kemm damet fit-tempju; kif ukoll għall-kontemplazzjoni assidwa tal-Iskrittura. Marija saret taf sew li Alla bosta drabi ħall il-ktajjen tal-ġusti, bosta drabi, dejjem biex juri l-qawwa tiegħu, huwa niżżel is-setgħana minn fuq it-tron tagħhom u għolla liċ-ċkejknin (Lq 1,52).

Il-fidi ta' Marija kienet tixbah lil dik ta' Ġuditta, meta din kienet tagħmel kuraġġ lill-aħwa biex dawn jittamaw dejjem f'Alla ta' Abraham (Ġud 8,17.26-27). Issa jekk Alla fl-imgħoddi ħadem b'dan il-mod, issa wkoll jista' jwettaq il-wegħda li Ġesù għandu jqajjimhom mill-mewt: "Alla kellu s-setgħa saħansitra li jqajjem mill-mewt" (Lhud 11,19). Hekk kif għamlet l-omm tal-Makkabin, Marija wkoll assoċjat ruħha mas-sagrifiċċju – offerta – tal-Iben tagħha, fejn sabet l-għajnuna mill-Mulej (2 Mak 7,20).

Marija meta fil-bidu ngħaqdet ma' binha vittma ġġenerat lil Ġesù fuq il-Kalvarju. Din l-affermazzjoni mhix xi ħaġa li tista' żżommha jew le. Huwa sewwa magħruf li l-missjoni ta' omm lejn l-ulied proprji tagħha ma tafx b'limiti. Hija tifrex dan kollu għal matul il-ħajja



kollha tal-ulied. Mgħaddsin fi Kristu rxoxtat, l-ommijiet tagħna jipperfezzjonaw iċ-ċaħda sħiħa tagħhom infushom lejn uliedhom.

Għalhekk ma jibqax dubju li Marija għenet lil Ġesù biex jaċċetta u jgħix il-mewt tiegħu f'armonija u għaqda mar-rieda tal-Missier. Fil-waqt li kien qed jara lil ommu maġenbu (Ġw 19,26-27), l-umanità ta' Ġesù, imkissra minn dik t-traġedja tal-waħx, żgur li ġiet ikkonfortata mill-preżenza ta' dik l-omm.

Il-konsolazzjoni tal-Missier ċelesti (Ġw 16,32) għaddiet mill-qalb ta' dik l-omm hawn fuq l-art. F'dik is-siegħa li Ġesù nnifsu xebbahha mal-uġigħ tal-ħlas (Ġw 16,21-22), Marija eżerċitat il-qawwa materna fuq l-Iben iġġenerat minnha stess. Il-fatt li Marija ġġenerat b'mod verġinali bl-opra tal-Ispirtu s-Santu, tassew li hija sebqet u ssuperat l-omm tal-Makkabin, setgħet tistqarr li ma tafx kif huwa deher fil-ġuf tagħha (2 Mak 7,22). Issa fl-aqwa ta' dik d-diqa ta' qalb mibdula mill-fidi, kompliet tiġġenera 'l Iben lejn il-ħajja tal-glorja u lejn il-qawmien immortali.

Mela l-omm tal-Makkabin u omm Ġesù: żewġ ommijiet, żewġ nisa li ngħaqdu flimkien fl-offerta vittma ta' wliedhom! Biss dawn it-tnejn ġew megħjunin mill-fidi ta' missirijiethom, fidi li ma tqarraqx, fidi li hija msemmija bil-qawwa kollha fl-ittra lil-Lhud fil-kapitlu 11.

Hawn issa sewwa li nfakkru f'dak li kiteb ir-Rabbi David Flusser ta' Ġerusalemm dwar Ġesù: "Ġesù, wieħed minn numru bla għadd ta' Lhud li kellhom jimxu t-triq tal-martirju. Marija wkoll tidħol fost in-numru bla għadd ta' ommijiet Lhud li jibku lil uliedhom maqtulin b'mod l-aktar krudili. Illum ukoll, jiena naf personalment minn dawn l-ommijiet Lhud, mhux biss lil dawk li tilfu lil uliedhom fil-qtil tal-massa fl-Ewropa fit-Tieni Gwerra, imma lil dawk wkoll li proprju hawn fl-art ta' Marija, jibku biki li ma jintefiex lil uliedhom, subien, li hawn u issa tilfu ħajjithom minħabba l-mibegħda għamja kontra l-Lhud.

Naħseb ukoll li tista' ma tkunx ħaġa ħażina, jekk ma ninsewx għal kollox ukoll l-aħwa bniet ta' Marija skont il-ġisem. Mit-tbatijiet tagħhom tiġi mqaddsa it-tbatija tal-bnedmin. Jekk kemm il-darba dan kollu jiġi maħsub dwar Marija, dan is-sentiment jisboq u jgħaddi il-fruntieri kollha konfessjonali. Hekk allura t-tifkira tal-omm safja ta' Ġesù tista' tħassar almenu parti mit-tniġġis tal-bniedem modern.

